**232. L-Onor. Lino Spiteri jipproponi:**

Din il-Kamra tinnota bi tħassib:

1. illi anke kif imkejjel bl-Indiċi uffiċjali tal-Prezzijiet bl-Imnut, fl-ewwel xhur ta' dis-sena mindu daħlet il-Value Added Tax f'Malta, il-ħajja qiegħda togħla iżjed sewwa milli bassar il-Gvern;

2. illi dan l-għoli qiegħed inissel tbatija soċjali billi jolqot lil kulħadd iżda partikolarment lil dawk l-individwi u familji li jifilħu l-inqas;

3. illi din l-inflazzjoni qiegħda toħloq ukoll problemi attwali u theddida serja għall-ġejjieni fl-attivita' ekonomika ta' pajjiżna, fost oħrajn fl-oqsma turistiċi, industrijali u kummerċjali;

u tirriżolvi illi tistieden lill-Gvern ifassal minnufih programm serju biex jilqa' għal din is-sitwazzjoni.

13.07.95